

Brussell, 5 ta' Ottubru 2018
(OR. en)

12571/18

CDR 132

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar żewġ membri supplenti, proposti mir-Repubblika tal-Estonja, fil-Kumitat tar-Reġjuni - Adozzjoni

1. Permezz ta' ittra datata t-22 ta' Ġunju 2018, is-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat tar-Reġjuni għarraġ lill-Kunsill bit-telf tal-mandat tas-Sur Juri GOTMANS u tas-Sur Georg LINKOV, membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni¹.
2. Skont l-Artikolu 305 TFUE, il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni jinħatru mill-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposti mill-Istati Membri rispettivi.
3. F'konformità ma' dik id-dispożizzjoni, il-Gvern Estonjan ippropona² lill-persuni li ġejjin bħala membri supplenti għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2020:
 - is-Sur Priit VÄRK, *Mayor of Paide*,
 - is-Sur Juri GOTMANS, *Member of Võru Town Council* (bidla fil-mandat).

¹ 10583/18.

² 12569/18.

4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għaldaqstant mitlub jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta d-Deċiżjoni li tinsab fid-dokument 12570/18 bħala punt "A" flaqgħa li jmiss.
 5. Dik id-Deċiżjoni ser tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 297(2) TFUE.
-